**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Anthony Scicluna**

**Emiljan Bardhi**

**Kumpilazzjoni Numru: 303/21**

**Illum, 26 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Anthony Scicluna detentur tal-karta tal-identità numru 302466M u Emiljan Bardhi detentur tal-karta tal-identità numru 162296A akkużati talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol gew akkużati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wahedhom talli fil-kapacita taghhom personali u/jew Anthony Scicluna fil-kapacita tieghu ta' direttur ta' S.A. Developments Limited u t-tnejn persuni li jhaddmu fis-sit Platinum Court, Triq Salvu Buhagiar u Triq il-Qrempuc, Wied il-Ghajn talli nhar l-14 ta' April 2021 fil-ghodu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaġunaw il-mewt ta' Sami Gjoka u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Akkuzati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll li fl-istess data, hin, lok u ċirkostanza u/jew fix-xhur ta' qabel naqsu milli jharsu s-sahha u sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiedhu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll talli fl-istess hin, lok u ċirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tiġi żgurata s-sahha u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6(3) ta' l-att 27/2000 Kap. 424.

4. Akkuzati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll li fl-istess data, hin, lok u ċirkostanza u/jew fix-xhur naqsu bhala persuni li jhaddmu li jiżguraw is-Sahha u s-Sigurtà tal-haddiema f'kull żmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmlu arranġamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqsu wkoll li jiehdu l-mizuri neċessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikoli 4(1)(2) u (3) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

5. Akkuzati Anthony Scicluna u Emijan Bardhi wkoll li fl-istess data, hin, lok u ċirkostanza bhala persuni li jhaddmu naqsu illi wara li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifikaw il-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevitaw riskji

ghas-sahha u s-sigurtà, jelevaw dawn ir-riskji li ma jistghux jiġu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu u jadattaw ix-xoghol ghall-individwu u dan ai termini ta' artikoli 5 ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

6. Akkuzati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jaghtu informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom u jiehdu l-mizuri xierqa sabiex impjegati barra l-impriza u, jew l-istabbiliment imqabbda biex jaghmlu xoghol jirċievu informazzjoni adegwata dwar materji li jistghu jaffettwaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u jiehdu l-mizuri xierqa sabiex haddiema b'funzjonijiet speċifiċi li jipproteġu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema jithallew jaqdu l-funzjonjiet taghhom, u dan ai termini ta' artikoli 12(1), (2) u (3) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

7. Akkuzat Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas li jara li xoghol fl-gholi jkun ippjanat sew u jiehu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjeni waqghat minn distanzi li jistghu jikkawżaw dannu personali. Naqas li jara li xoghol fil-gholi jitwettaq biss b'taghmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bhal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma wżati, dawn ghandhom ikunu

solidi, gholjin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poggaman prinċipali u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas li jara li ilqugh protettiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandu jiġu mwahhla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fethiet u f'xi oqsma ohra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża hsara personali, jew li jaqghu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-gharqa jew korriment serju. Naqas li jara li lqugh protettiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' gholi adegwat, u ta' sahha adegwata ghall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

8. Akkuzati Anthony Scicluna u Emiljan Bardhi wkoll talli taht l-istess ċirkostanzi, bhala prinċipali mpjegaw xi persuna li ma kenitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess wahdieni u liċenzja ta' mpjieg, ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedini penali tal-imputati;

Rat l-atti kollha inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Mejju elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju.

**XHIEDA**

Rat ir-rapport tekniku tal-espert il-**Perit Alex Torpiano** li kien nominat fl-atti tal-inkjesta li tinsab fl-atti. F'dan ir-rapport jinghad illi dan is-sit ta' kostruzzjoni kien munit b'permess tal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA00443/19 approvat fid-9 t'Ottubru 2019. Punti saljenti li hargu mir-rizultanzi ta' dan l-espert huma:

- Il-vittma kien jinsab f'bajla li tithaddem permezz ta' tower crane;
- li din il-bajla kienet armata f'xaft fejn imbaghad instab il-vittma;
- Illi din il-bajla li normalment tintuza sabiex jigi mpoggi l-konkos, trid tkun imdendla minn maqbad kbir tal-hadid, mwahhla b'mod li, meta jigi rilaxxat mekkanizmu partikolari, jippermetti l-bajla tinqaleb biex il-konkos johrog. Din il-bajla jkollha zewg lievi u sabiex din il-bajla tinqaleb iridu jinfethu dawn il-lievi t-tnejn;

- Illi l-konkluzjoni l-aktar plawsibbli hi li l-persuna li kienet fil-bajla u cioè l-vittma kien qed juza dawn il-mekkanizmi u ghalhekk il-bajla infethet minnu stess bil-konsegwenza li meta nfethet il-bajla inqaleb minn go fiha;

- Illi jidher illi dan l-incident sehh jew ghaliex il-vittma attiva accidentalment dan il-mekkanizmu li jiftah il-bajla jew li l-bajla nnifisha ma kellhiex dawn il-lievi u ghalhekk ma ghamluhiex stabbli;

- Illi jidher ukoll illi fejn instab il-vittma kien hemm il-kontrolli li jmexxu l-krejn u ghalhekk jirrizulta illi dan kien ukoll qed imexxi l-krejn waqt li kien gol-bajla;

- Illi mit-testimonjanzi migbura jidher li dan il-progett kien suggett ta' arrangament bejn is-sid tal-post u cioè Chris Attard u l-kuntrattur Anton Scicluna (SA Construction Ltd). Illi dan ix-xoghol kien f'fazi ta' kompletazzjoni meta sar l-incident. Hareg ukoll mix-xhieda Marildo Duka u Refat Cadra illi l-vittma kien qed jahdem wahdu izda hadd ma kien cert x'kellu jaghmel il-vittma dakinhar;

- Illi dan ix-xoghol kien suggett ta' sub-contracting minn Anton Scicluna lil Emiljan Bardhi izda dawn it-tnejn ma kinux fuq il-post waqt l-incident;

- Illi mix-xhieda tal-perit Joseph Grech li hu l-perit tal-kostruzzjoni biex il-kuntrattur Anton Scicluna jaghmel sub-

contracting dan kellu jikseb l-approvazzjoni tieghu izda skont Grech dan ma sarx. L-istess haga ntqal mis-sidien tal-propjetà. Illi skont il-perit Joseph Grech l-imputat Bardhi kien jew foreman jew impjegat ta' Anton Scicluna;

- Illi mit-testimonjanza ta' Scicluna hareg illi dawn il-haddiema Albanizi kienu impjegati tieghu, japplika ghal permessi hu u sahansitra jhallashom hu izda ma' Emiljan Bardhi kellu arrangament separat u kien ihallsu apparti. Jghid illi kien jaf li Bardhi kien jahdem ma' Sta Katerina Ltd izda ma kienx jaf illi l-impjieg tieghu kien wiehed full-time;

- A rigward is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol hareg minn Osward Armani li kien impjegat mas-socjetà Lux Developments illi huwa (flimkien ma' Donald Montebello) li kien izur is-siti u ghal dan il-ghan ipprezenta sett ta' dokumenti li juru l-iter kollu flimkien ma' kull spezzjoni li kien jaghmel. Hareg ukoll illi huwa pprepara risk assessment lil Anton Scicluna bhala kuntrattur fejn suppost isir mill-istess kuntrattur. Hareg ukoll illi ghalkemm huwa talab ghal skill cards tal-impjegati l-kuntrattur qatt ma tah dawn.

Illi bhala konkluzjonijiet l-espert kellu dan xi jghid:

*"Illi fl-opinjoni tal-perit tekniku, il-kawza ewlenija ta' l-incident fatali li sehh f'dan il-progett, nhar l-14 ta' April*

*2021, kien l-agir ta' l-istess vittma, li adotta procedura perikoluza biex jahdem fix-xaft, kemm ghaliex mexxa l-krejn huwa stess waqt li kien mdendel mill-istess krejn, minghajr l-ebda haddiem iehor biex itih direzzjoni jew ghajnuna, u kemm ghaliex ghazel li jiddendel minn bajla tal-konkos li ma kienitx idoneja ghal dan ix-xoghol kif hi, per ezempju, gagga, u li jidher li ma kellix mekkanizmi ta' sigurta' biex ma tinqalibx accidentalment.*

*Illi, waqt li l-agir tal-periti u tad-diretturi tas-socjeta' sidien tal-progett tidher li kienet korretta, l-arrangamenti kontrattwali bejn Anton Scicluna u Emiljan Bardhi, u partikolarment l-arrangamenti industrijali u amministrattivi tal-haddiema taghhom jaghtu lok ghal thassib, kif spjegat hawn taht.*

*. . . .*

*Illi, skont l-istess Regolamenti, il-kuntrattur kellu l-obbligu li jiehu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet kollha tas-supervizur ghas-sahha u s-sigurta', u li jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji ghas-salvagwardja adegwata tas-sahha u sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. L-ewwel problema, ghalhekk, kienet li l-kuntrattur, li ha l-inkarigu tax-xoghol mis-socjeta' sid tal-post, Anton*

*Scicluna f'isem SA Construction Ltd., lahaq ftehim (id-darba f'isem SA Developments Ltd) ma Emiljan Bardhi, biex dan ikun "sub-contractor" ghall-istess progett, minghajr ma avza lill-klijenti teighu, jew lill-perit tal-progett, il-Perit Joseph Grech – kif kellu obbligu kontrattwali li jaghmel (Dok. EV1) – imma, aghar minn hekk, m'ghamel l-ebda attentat biex jaccerta ruhu li dawk l-obbligi li huwa kellu bhala kuntrattur, skont l-Avviz Legali 88 tal-2018, kienu jigu effettwati minn l-istess Emiljan Bardhi, skont hu, s-"sub-contractor" tieghu. Jidher ukoll li, mhux biss ma kienx car min kien il-kuntrattur tax-xoghol f'mohh l-atturi kollha involuti, imma li l-istess Bardhi kien imur biss fuq il-lant ftit hin filghodu, ghaliex fil-fatt kellu impjieg full time ma' kumpanija ta' kostruzzjoni ohra. Ghaldaqstant, jidher li ma kien hemm hadd li kellu vizzjoni shiha tax-xoghol kollu, u specjalment, li kien jaf x'kien hemm jaghmel il-vittma fil-jum ta' l-incident; ferm anqas, ma kien hemm xi hadd li kien jaf il-vittma kien qed jaghmel dan ix-xoghol, u ghalhekk x'riskji kien hemm.*

*Ir-relazzjoni ta' bejn Anton Scicluna (SA Construction Limited jew SA Developments Ltd?) u Bardhi ma kienitx wahda cara ta' kuntrattur u "sub-contractor", minkejja l-ftehim bejniethom (Dok AS1), u dan ghaliex kien arrangamenti kontrattwali mhux cara. Kien hemm haddiema li kienu fuq il-kotba ta' SA Developments Ltd., (jigifieri kien jidher fuq l-ID taghhom li kienu impjegati ta'*

*SA Developments Ltd.), li kienu jithallsu direttament minn SA Developments Ltd., pero ma kienux jahdmu taht id-direzzjoni ta' SA Developments Ltd.; u ohrajn, li mhux cert li kellhom permess biex jahdmu Malta, li kienu jithallsu direttament minn Bardhi. Bl-istess mod, l-arrangamenti, biex jinkera l-impjant mehtieg, u l-materjal ghal bini, kienu li jinxtraw jew jithallsu minn SA Developments Ltd (jew SA Construction Ltd.), u li l-ammonti relattivi, bhall-hlas ghall-haddiema li ma kienux impjegati ma SA Developments Ltd., kienu jitnaqqsu mill-ammont dovut lil Bardhi. Dawn l-arrangamenti m'huma dokumentati mkien. Ghaldaqstant, ma kienx car min kien verament il-kuntrattur. Din il-konfuzjoni kontrattwali wasslet ghal sitwazzjoni gravi, ghaliex b'rizultat ta' dan, ma kienx car min kellu jiehu hsieb il-mizuri dwar is-sahha u s-sigurta', u min verament jircievi l-istruzzjonijiet mis-supervizur tas-sahha u sigurta' dwar riskji jew problemi ohra fuq il-lant.*

*. . . .*

*Illi ghalavola is-supervizuri tas-sahha u s-sigurta' stqarru li kienu jzuru s-sit almenu darba kull gimghatejn, ma tantx jidher li dawn iz-zjarat kienu effikacji. Per ezempju, minn Dicembru 2019 sa Mejju 2020, waqt li kienu ghaddejja d-demolizzjoni u l-iskavar, l-affarijiet mehtiega minnhom, li kienu mmarkati bl-ahmar fir-rapporti taghhom (Dok. OA4-*

*1 sa OA4-35) – jigifieri li suppost kienu ta' importanza kbira – baqghu prattikament ma nbiddlux, minghajr ma jidher li ttiehdet l-ebda azzjoni kontra l-kuntrattur (fil-fazi ta' demolizzjoni u skavar, kien hemm kuntrattur differenti minn SA Construction Ltd.). U, waqt il-fazi ta' kostruzzjoni, l-istess nuqqasijiet generalment baqghu jidhru xahar wara l-iehor. Meta, waqt ix-xhieda, ngibdet l-attenzjoni dwar l-istat ta' lqugh ta' l-injam tat-tarag principali (Rit. 16 u 17), hareg li dan l-istat inaccettabbli kien deher fir-rapport ta' 360 Safety almenu minn Dicembru 2020, imma jidher ukoll li l-lqugh baqa' hekk sad-data ta' l-incident.*

. . . . .

*Illi in konkluzjoni, l-esponenti jirribadixxi li huwa tal-parir li l-incident sehh ghaliex il-vittma ghazel li jahdem b'mod perikoluz, imdendel f'bajla tal-konkos, mhux idoneja ghax-xoghol li kien qed jaghmel, u li kien jopera huwa stess, wahdu, minghajr ma kien hemm haddiehor li biss kien jaf la dak li kien qed jaghmel, u lanqas r-riskji ta' dak li kien qed jaghmel. L-azzjoni rrisponsabbli tal-vittma titfa' dell fuq il-proceduri tas-sahha u s-sigurta', proceduri li suppost qeghdin hemm biex jevitaw propju dan it-tip ta' agir irrisponsabbli – anke fl-interess ta' l-istess vittma; - tifa' dell ukoll fuq il-kuntrattur, Anton Scicluna u, jekk kien hekk, s-"sub-contractor" tieghu, Emiljan Bardhi, li kellhom*

*l-obbligu li jkunu certi mir-riskji waqt ix-xoghol ghaddej, u li jimmitigaw l-istess riskji. Kellhom certament l-obbligu li jkunu jafu kif kien qed jahdem – certament mhux biss fil-jum tal-incident – l-istess vittma."*

Rat ukoll ir-rapport tal-espert digitali **Keith Cutajar** li ha konjizzjoni tal-kameras li kien mghammar bih is-sit inkwistjoni u ghamel download tal-istess flimkien ma' ritratti tad-data u l-hin tal-incident kif ukoll ta' mobile phone.[1]

Semghet ukoll lill-espert mediku forensiku **Dr Mario Scerri** [2]li kien ezamina l-gisem bla hajja tal-vittma fuq l-incident fejn dan jghid illi l-vittma Sammy Gioca kien waqa' minn gholi ta' madwar sitt sulari f'sit ta' kostruzzjoni f'Marsascala fl-erbatax (14) t'April 2021. Jghid illi fejn il-vittma mqabbad mieghu, instabet il-harness tar-remote tal-krejn fejn dawn instabu fix-xaft li fih kien hemm xi twieqi. Jghid illi bhala kawza tal-mewt din kienet *blunt trauma* minhabba l-waqa'. Kien hemm ukoll xi griehi kompatibbli ma' rezistenza tieghu fil-waqa'. Illi r-rizultanzi tal-awtopsja jikkonfermaw il-konkluzjonijiet tal-espert Dr Mario Scerri.[3]

[1] Dok. KC1 – folio 704.
[2] Dok. MS1 – folio 780.
[3] Dok. DP1 – folio 826.

L-**Ispettur Darryl Farr** xehed illi meta mar fuq il-post tal-incident sab il-vittma li ttella' fl-ewwel sular sabiex jigi nvistat mit-tobba tal-isptar Mater Dei fejn dan kien gie ccertifikat bhala mejjet mit-tabib Dr Michael Spiteri. Jghid illi fuq il-post kien hemm Anton Scicluna fejn stqarr mieghu li kien il-kuntrattur u li kien bi shab ma' certu Emiljan Bardhi. Jghid illi fuq il-persuna tal-vittma sab mobajl u fost ir-ritratti li kienu sabu f'dan il-mobajl kien hemm formola ta' applikazzjoni ta' residenza ta' certu Sammy Djioca (ID 253541A). Spjega li kien kellem ukoll lil certu Marildo Duka li kien il-persuna li kien cempel ghall-assistenza fejn dan stqarr mieghu illi dakinhar il-vittma kien qed jahdem fuq il-bejt tas-sit ta' kostruzzjoni meta wara ftit semghu hoss kbir fix-xaft. Meta mar jiccekkja sab il-vittma mal-art mitluf minn sensih. Jghid illi meta huwa mar fuq il-bejt flimkien mal-esperti nnutaw tower crane b'gagga mqabbda mieghu.

Is-surgenta 2379 **Stephanie Zammit** infurmat illi wara li accediet fuq il-post flimkien mal-Ispettur hija ppruvat tkellem lil Emiljan Bardhi li qalulha li kien allontana ruhu minn fuq il-post ghaliex kien ixxukkjat peress li l-vittma kienet huh fejn imbaghad gie mnizzel l-ghassa ta' Zabbar biex jigi mitkellem.

Il-Qorti semghet ukoll lill-**Inginier Carmel Tonna** li kien espert nominat fl-inkjesta sabiex jassisti espert iehor u cioè lil John Schembri. Jghid illi meta wasal fuq il-post kien gie zgumbrat kollox hlief il-bajla li kienet ghadha mdendla fix-xaft u jghid illi din ma

kellhiex is-*security latch* jiffunzjona jigifieri l-bajla xhin tkun mimlija tista' tinqaleb u tinfetah xorta. Jghid illi sab ukoll il-*lifting gear* mghawweg. Jispjega illi kull bajla ghandha jkollha *security latch* li taqbad mas-*security strip* u din isservi biex ma tinqalibx il-bajla. Jghid illi din il-bajla hija intiza biex iggorr materjal mhux biex jahdmu persuni fiha. Illi fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. CT1[4] intqal is-segwenti:

> *"During the inspection of the material lifting container the following was noted.*
>
> *The material container was noted not in good maintenance condition.*
>
> *The lifting arrangement that takes the full load of the loaded container was noted bent and not in good maintenance condition.*
>
> *4.2 Safety Components*
>
> *During the inspection of the material lifting container the following was noted.*
>
> *The container assembly security latch arrangement that is intended to keep the loaded container in horizontally level position during lifting operations was found open and not in safe operational condition. This as the lifting arrangement cannot be in secured condition against*

[4] Folio 857.

*accidentally going in unloading position, while the loaded material container is being lifted or unloaded. This as due to excessive misalignment, the security latch cannot engage at all with its strike component, to safely secure the container in horizontal. Photos 2, 3 & 4 refer. Therefore the container can go into a vertical unloading position even when the container is supposed to remain in horizontal position whilst being unloaded by hand, in suspended position.*

***5.0 Conclusion***

*This material lifting container is not recommended for use as:*

- *It is not in safe operational condition.*
- *It has no evidence of testing and certification as required by legislation."*

__Ivan Curmi__ mill-ID Malta xehed fuq Emiljan Bardhi fejn dan jghid illi Bardhi kien kopert b'*residence permit* u fit-2016 kien jahdem mal-kumpannija Bad Boy bhala cleaner, bejn is-sena 2017 u 2020 kien jahdem ma' kumpanija St. Catherine Construction Ltd. u fis-sena 2021 fl-20 ta' Mejju kellu applikazzjoni pendenti ta' xoghol ma' SA Developments Ltd. Illi fuq Sammy Djioca jghid illi dan kellu applikazzjoni datata fit-tnax (12) ta' Marzu 2020 li din giet irtirata peress li din l-applikazzjoni qatt ma setghet tigi accettata

minhabba ragunijiet ta' *public policy* u *public security*. Jigifieri fid-data tal-incident dan ma kellux *status* hawn Malta.

Xehed **<u>Louis Buhagiar</u>** minn JobsPlus li pprezenta l-*employment history* taz-zewg imputati kif ukoll tal-vittma.[5]

Semghet espert tekniku iehor u cioè **<u>John Schembri</u>** li kien nominat dwar sahha u sigurtà fuq il-post tax-xoghol u pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. JS1[6]. A rigward il-kawza prossima tal-incident huwa jikkonkludi s-segwenti:

> *"In-nuqqasijiet huma konsiderevoli mill-bidu sal-ahhar, u cioe':-*
>
> 1. *Huwa maghruf li l-vittma kien jopera il-krejn.*
> 2. *Il-vittma kellu certifikat ghall-uzu tal-krejn, liema kors huwa akkreditat mill-NCFHE, datat Ottubru 2019.*
> 3. *Dan jindika li kien kompetenti sabiex juza l-istess krejn.*
> 4. *Il-vittma kellu wkoll certifikat fl-usu ta' makkinarju sabiex jigi kkontrollat l-inzul mill-gholi, f'emergenza. Dan huwa mekkanizmu specjalizzat u il-kors kien ta' erba' sighat biss, allura mhuwiex ragoneveoli li wiehed jikkonkludi li l-vittma kien kompetenti f'din il-prattika.*

[5] Dok. JB1, JB2, JB3 – folio 883 et seq.
[6] Folio 915 – konkluzjonijiet jinsabu a folio 933 sa 935.

5. *Ix-xoghol mill-gholi li wassal ghall-incident ma kienx qed jigi esegwit permezz ta' SsoW, tali mod li ebda element essenzjali tas-SsoW ma kien inkluz, jigifieri ma kienx hemm:*

- *Metodu tax-xoghol*
- *Evalwazzjoni tar-riskju*
- *Mizuri specifici ta' kontroll ghall perikli u r-riskji*
- *Irbit adegwat u addattat ghall-kontra waqgha mill-gholi*
- *Permess ghax-xoghol*
- *Zoni ta' Eskluzjoni*
- *Kommunikazzjoni mal-haddiema l-ohra*
- *Mizuri t'emergenza implementati*
- *Certifikazzjoni tal-bajla (lifting cradle)*

6. *Fuq dan kollu, il-bajla kienet ukoll difettuza, kif jirrizulta mill-ispezzjoni bir-reqqa taghha, fejn huwa car li l-mekkanizmu tal-ftuh huwa difettuz, sahansitra miksur.*
7. *Mhuwiex maghruf kif ingiebet il-bajla fuq il-lant, minn ghand min giet mixtrija/mikrija, u ghaliex ma kenitx iccertifikata u lanqas qatt ma giet spezzjonata fuq il-lant.*
8. *Dawn huma kollha nuqqasijiet serji hafna fuq l-operazzjoni li kien qed jesegwixxi l-vittma, li fihom infushom jikkostitwixxu negligenza kontributorja li, abbinata man-nuqqasijiet l-ohra kollha fis-Sahha w Sigurta' fuq il-lant, wasslu ghall-incident.*
9. *Bajla difettuza u miksura hija oggett perikoluz fl-estrem. Abbinata man-nuqqasijiet l-ohra kollha, l-esitu kien attwalment tragiku.*

10. *Tabella 3 fir-rapport turi bic-car in-nuqqasijiet kollha li wasslu ghall-incident, liema nuqqasijiet hargu minn analizi bir-reqqa tal-istess dokumentazzjoni relatata mal-progett, kif sottomessa mill-partijiet koncernati, u mixehda that il-gurament".*

Semghet it-testimonjanza tal-**Ispettur Darren Buhagiar** fejn gie pprezentat Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija SA Developments Ltd bin-numru ta' registrazzjoni C94497 (Dok. DB7). Interessanti illi minn Dokument DB7 li dan juri il-kumpaniji li fihom Anton Scicluna kien involut fihom ma tiffigurax il-kumpanija SA Construction Ltd. Illi Dok. DB7 juri illi Anton Scicluna huwa l-uniku azzjonarju u direttur tal-kumpanija SA Developments Ltd.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **il-Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu dikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu ppruvati oltre' kull dubju ragjonevoli, cioè oltre' kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz in ezami jittratta fuq ir-reat ta' feriti gravi/mewt involontarji sancit mill-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna ...".*

Illi f'dan l-istadju ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-principji ta' dan ir-reat tal-involontarjetà ta' dan ir-reat.

Fil-fatt fil-kawza, **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** (Magistrat Dr Consuelo-Pilar Scerri Herrera, Case no.753/2006, 17/08/2010) il-Qorti tal-Magistrati ddikjarat illi:

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l- incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tattraffiku da parti tal-imputat li tajjarha. Sabiex tipprova dan il- Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal- imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili **li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju. Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew***

*__impregudikati l-interessi ta' terzi.__*[7] *Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut. Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili."*

L-istess ragunament kien inghata fil-kawza tal-istess Qorti diversament presjeduta bl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Edward Bonnici__** (27/10/2016), u **__Il-Pulizija vs Rudolph Gatt__** (03/02/2016), per Magistart Dr Josette Demicoli fejn intqal illi:

*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto". Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal- ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma lassjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-*

[7] Emfazi mizjuda mill-Qorti.

*Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi. Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l- imputat, u cioe' omicidju involontarju. Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l- elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. kkaguna l- mewt ; 3. fuq persuna."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u>** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil- professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe'*

*fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 jghid hekk:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Il-gurist Taljan **Francesco Carrara** (Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.) jghid hekk dwar il-culpa:

*"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo** (Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67) fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the **"possibility of foreseeing" the event** which has not been foreseen. **The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".***[8]

U wkoll fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

*"... kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, inghad illi:

*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli". In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-*

[8] Emfazi mizjuda mill-Qorti.

*imperizja hija lforma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: `inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto`".*

Skont l-istess sentenza:

*"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubbblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom lelement tal-prevenzjoni."*

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** (Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71) jghid illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do*

*something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Issir ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Richard Grech** deciza fil-21 ta' Marzu 1996 u cioè:-

*"Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l- essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l- esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati. "Sorgono per tal-mod," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici*

*usi socjali, come per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissure queste regole, disciplinano determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possible, conseguenze nocive per i terzi. Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall' inosservanza di talune delle norme indicate. L' infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l' essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norma sancite daghli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323)."*

Fl-istess sentenza citata hawn fuq ta' **<u>Pulizija v. Saverina sive Rina Borg</u>** – (QA Kriminali 31/07/1998) jinghad ukoll is-segwenti dwar il-culpa:

*"It-teorija klassika u tradizzjonali, dik msejha tal-Carrara, li ripetutament giet accettata u pprattikata mill-Qrati taghna, u li in linea tad-definizzjoni fuq moghtija, hi wahda soggettiva, li titlob bhala element essenzjali fid- delitt kolpuz dak tal-prevedibbilita' ta' l-event mhux volut. Kuntrarjament ghal din it-teorija soggettiva tradizzjonali, hemm it-teorija l-ohra dik oggettiva dik tal-kawzalita' materjali", jew tal-"kawzalita' volontarja efficjenti", Din it-teorija teskludi kompletament l-element tal- prevedibbilita' u tippunixxi l-event bhala konsegwenza ta' kondotta ta' xi hadd li ma jkunx konfromi ma' l-esigenzi tad-dritt u tal-ligi. Skond din it- teorija, "l'evento dannoso e contrario al diritto e' punibile quando esso sia il-prodotto immediate o mediato di un atto volontario di un uomo, il quale atto, sebbene non rivolto a un fine antigiuridico, si e' esplicato con mezzi rivelatisi non normali all' idea del diritto".*

Ghalhekk, skont it-teorija oggettiva, abraccjata mill-**Antolisei**, u anke riprodotta in parte sa certu punt f'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** deciza fil-21 ta' Marzu 1996, sabiex treggi l-kulpa, hemm bzonn biss is-segwenti zewg konsiderazzjonijiet:

*"(a) li l-agent hu l-kawza efficjenti jew effettiva ta' l-event; u (b) li l-kondotta tieghu jew mezz minnu adoperat hu kontra l-ligi.*

*Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temergi meta fil- kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta tal-agent, l-akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibli, u, b'dana kollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jigrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) ghalhekk hi forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), cjoe` dik tal-prevedibbli imma mhux previst, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta', u tikkonfina mad-doluz."*

Fis-sentenza **<u>Pulizija vs Perit Louis Portelli</u>** li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq intqal ukoll is-segwenti:-

*"Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju lit-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l- attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett talligi. Fejn dan il-ligi ma taghmlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l- generalita' tal-ohrajn tajba tal-istess katergorija ma kienetx tadopera fl-istess cirkustanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-*

*responsabbilita' kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina ddiligenza indespensabbli biex jigu evitati s-sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxiplina l-kondotta ndividwali ihalli lok ghall-apprezzament tad-diffikultajiet u probabilitajiet tassitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic- cirkustanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal- istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienetx obbjettivament adatta ghall-kaz konkret huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunement tissejjah ic-"certezza morsli", kif distinta mic- certezza obiettiva tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita'. Din il- konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta' impenji ghall- iskoperta tarrealta', imma fuq il-verosimiljanza soda li a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta. Dan l-istess koncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita' bejn irrizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in- ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistix ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness u allura l-event dannus johrog mill-limiti tal-imputabbilita' u jkun jirraprezenta l-fortuwitu; L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikularment jissucciedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista huwa kontinwament konfrontat minn*

*ezigenzi, diffikultajiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."*

Illi finalment dak li l-Qorti trid tasal hu li *"il giudice deve, altresi', accertare, sulla base di indici di rimproverabilita' ed evitabilita', che una condotta appropriate avrebbe evitato l'evento. . ."* (Cassazione Penale, 12 Ottobre 2007, n. 37606 rappurtat fil-Codice Penale e delle Leggi penali speciali – Annotato con la giurisprudenza (2012) Roberto Garofoli).

**Ikkunsidrat**

Ir-reat ta' omicidju nvolontarju

Illi din il-Qorti tibda biex tippremetti illi tul dawn il-proceduri hareg kemm il-protokoll uzat mill-persuni li kellhom interess f'dan is-sit ta' kostruzzjoni kien wiehed disfunzjonat u kaotiku. F'dan il-qasam hemm gerarkija li ghandha tigi segwita li tibda mill-izviluppatur, isegwi l-perit tal-progett u finalment hemm il-bennej. Jekk aspett minn din il-gerarkija tonqos minhabba xi ommissjoni jew negligenza, jista' jkun hemm konsegwenzi tragici bhal fil-kaz *de quo*.

Madanakollu, tenut kont illi din il-Qorti hija Qorti ta' indoli kriminali, ghandha tevalwa l-evidenza mpoggija quddiemha b'mod li ghandha tasal ghal konvinciment morali tal-kolpevolezza tal-imputati oltre' d-dubju dettat mil-ligi. Din il-Qorti mhix Qorti tal-probabilità.

Dan qed jinghad ghaliex kif intqal gustament fis-sentenzi kkwotati aktar 'il fuq f'din is-sentenza, biex jigi ppruvat l-omicidju involontarju jrid jigi ppruvat ness bejn l-imputati u l-vittma kif ukoll ness bejn l-agir jew l-omissjoni tal-imputati u l-kawzalità fatali.

Illi din il-Qorti tibda biex tghid illi m'hemmx dubju illi din il-fatalità grat minhabba malfunzjonament tal-bajla li kien fiha il-vittma[9]. Hareg ukoll illi din il-bajla ma kinitx intiza sabiex iggorr persuni izda biss biex iggorr materjal bhal konkos. Illi hareg ukoll illi t-tower crane kien fi stat tajjeb ta' funzjonament anke minn certifikati li gewipprezentati lill-espert John Schembri.

Illi mid-dinamika tal-incident hareg illi l-vittma Sami Gjioka, ghal xi raguni injota u li ma hargitx mill-kumpilazzjoni tal-evidenza, iddecieda li jeffettwa x-xoghol li kellu jaghmel dakinhar billi jhaddem it-tower crane hu[10] u jaghmel ix-xoghol li kien gholi madwar sitt (6) sulari minn gewwa din il-bajla. Il-kumplament hija t-tragedja li hadet il-hajja ta' din il-persuna.

[9] Vide rapport tal-espert Eng. Carmel Tonna.
[10] Dan hu evidenti ghaliex ir-*remote controls* li jhaddmuh kienu ghadhom imqabbdin mieghu mal waqa'.

Illi wkoll, mill-evidenza li ngabret, partikolarment mix-xhieda li nstemghu quddiem l-esperti nominati fl-inkjesta fosthom il-Perit Alex Torpiano u l-esperti Carmel Tonna u John Schembri hargu s-segwenti punti:

1. Illi Anton Scicluna kien il-kuntrattur ufficjali li suppost kien qed jeffettwa x-xoghol, kwindi legalment huwa kien responsabbli ta' dak kollu li kien qed jigri fuq is-sit u kellu jara li r-*risk assessment*[11] li kien kompilat minn persuni mqabbda minnu izda li kienu inizzjalment inkarigati mill-izviluppatur, kellu fil-fatt jigi effettwat.[12]

2. Illi l-kwistjoni illi l-imputat Scicluna seta' ghamel kuntratt mal-imputat l-iehor Bardhi ghal-*sub-contracting* hareg biss mit-testimonjanza ta' Scicluna quddiem il-Perit Torpiano u ghalkemmipprezenta dokument ukoll li juri dan, legalment tali testimonjanza ma tantx ghandha validita' legali u probatorja fil-konfront tal-ko-imputat Bardhi gialdarba kienet kollha bbazata fuq dak li suppost kellu jaghmel dan il-ko-akkuzat. Illi huwa principju bazilari illi ko-akkuzati ma jistghux jaghtu testimonjanzi fejn jimplikaw lil xulxin u ghalhekk tali prova ma hijiex ser tittiehed inkonsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tar-responsabilità tal-imputat Bardhi izda biss fil-konfront tal-imputat Scicluna.

[11] Folio 104.
[12] Illi l-Qorti taqbel perfettament mar-rimarka li ghamel il-Perit Torpiano fil-konkluzjonijiet tieghu illi r-risk assessment kien kompitu tal-kuntrattur mhux tal-izviluppatur ghar-ragunijiet elenkati fir-rapport tal-istess espert.

3. Illi jinghad illi tali kuntratt ta' *sub-contracting* ma giex notifikat minn Scicluna lill-Periti mqabbda fix-xoghol hekk kif kellu d-dover li jaghmel. Di piu' dan il-kuntratt ma tantx huwa effettiv ghaliex anke skont kif qal il-Perit Torpiano li sejjahlu dubjuz, dan per ezempju ma jorbotx dawk ir-regoli tal-harsien tas-sahha u s-sigurtà tal-impjegati u r-*risk assessment*.

4. Illi ma tezistix l-ebda prova konkreta u konklussiva li l-vittma (li tigi hu l-imputat Bardhi) kien impjegat tal-istess Bardhi u kwindi ma ghandhomx japplikaw id-dispozizzjonijiet tar-regoli tas-sahha u sigurtà fuq il-post tax-xoghol. Lanqas ma tezisti xi prova konkreta illi l-vittma kellu xi rabta legali mal-imputat l-iehor Scicluna. Li hareg mill-provi processwali hu li l-vittma kellu applikazzjoni pendenti ghal permess ta' residenza taht il-kumpanija tal-imputat Scicluna u cioè SA Developments liema applikazzjoni kienet ghadha ma gietx deciza.

5. Illi l-unici nies li xehdu fuq il-vittma b'mod cert kienu Marildo Duka u Refat Cadra li kienu fuq is-sit ta' kostruzzjoni u li tkellmu mal-vittma ezatt qabel ma' gara l-incident. Sfortunatament dawn ma rawx l-incident u ma kinux jafu x'kellu jaghmel dakinhar, ghaliex kienu qeghdin jahdmu fuq bicca ohra tas-sit izda dak li hu cert kien li l-vittma kienet qed tahdem wehidha. Lanqas ma setghu jitfghu dawl fuq jekk jew ma' min kien impjegat l-istess vittma. Haga ohra li qalu dawn iz-zewg xhieda huwa li semmew lil certu Emiljano Topalli li

kien imur ta' sikwit jghidilhom x'ghandhom jaghmlu izda din il-persuna ma tiffigura mkien fil-proceduri.

Illi dan kollu juri illi ghalkemm kien hemm konfuzjoni shiha tal-irwoli fuq dan is-sit, ness dirett u legali bejn il-kawza tal-incident u l-imputati odjerni ma giex ippruvat. Dan ukoll ghaliex il-kawza diretta tal-incident kien il-malfunzjonament tal-bajla li minn imkien ma hareg ta' min kienet. Illi ma hareg ukoll minn imkien illi xi hadd ta' xi struzzjonijiet lill-vittma sabiex jeffettwa xi xoghol u wisq anqas jaghmlu minn gewwa din il-bajla. Ghalhekk din il-Qorti qed tqis it-tort unikament imputabbli ghall-vittma. F'dan il-punt ssir referenza ghal fatt illi l-vittma kellu gharfien ta' makkinarji uzati fil-kostruzzjoni u dan jidher minn certifikat mahrug mill-NCFHE u certifikat iehor fl-uzu tal-makkinarju sabiex jigi kkontrollat l-inzul mill-gholi.[13]

Illi ghaldaqstant l-ewwel (1) akkuza ma tinsabx ippruvata kontra z-zewg imputati.

<u>Regoli taht il-Kapitolu 424 u ligijiet sussidjarji</u>

Illi l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-Awtorità ghas-Sahha u Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol jiddefinixxi "haddiem" u "min ihaddem" bis-segwenti:

> *""ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min ihaddem biex taghmel xoghol, jew li tipprovdi servizz lil*

[13] Vide pagna 16 tal-konkluzjonijiet tar-rapport tal-espert John Schembri.

*persuna ohra taht kuntratt ta' servizz jew ghal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, izda ma tinkludix l-ekwipagg ta' bastiment registrat Malta jew kull persuna ohra impjegata fuqu bhala parti mill-ekwipagg kollu tal-bastiment;*

*""min ihaddem" tfisser il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizzi, u*
*(a) ghal dak li jirrigwarda xoghol maghmul taht kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur,*

*izda ma tinkludix id-diretturi, managers, socji jew sidien, okkupanti jew possessuri li ghalihom ikun qed isir ix-xoghol, minbarra fil-kaz fejn ghodod, materjal jew taghmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu maghrufa u ma gewx indikati, jew li setghu ikunu maghrufa;*
*(b) ghal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-ohra kollha, inkluzi dawk volontarji, jew ghal dak li jirrigwarda xi forma ohra ta' impieg taht kuntratt ta' servizz, tinkludi kull wahda mill-persuni li tidderiegi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-tregija ta' kuljum".*

Illi kwindi, minn qari akkurat ta' dawn iz-zewg definizzjonijiet, johrog car illi jrid ikun hemm xi rabta kuntrattwali bejn il-haddiem

u min ihaddem sabiex ikun hemm responsabilitajiet kriminali taht dan l-Att jew ligijiet li jaqghu tahtu.

Illi fil-kaz *de quo* jirrizulta illi ma gie ppruvat l-ebda ness kuntrattwali bejn il-vittma u Emiljan Bardhi. Illi kull ma hareg kien li dawn kienu ahwa u ghalhekk il-probabiltà imma mhux b'certezza assoluta hi li Bardhi kien halla f'idejn huh sabiex jeffettwa xi xoghol u mbaghad jigi mhallas mir-rikavat ta' huh mhux bhala impjegat izda qua l-parentela. Illi ghalhekk dan jezonera lill-imputat Bardhi minn dawn il-provvedimenti u kwindi mill-kumplament tal-akkuzi.

Is-sitwazzjoni a rigward l-imputat Scicluna hija pjuttost differenti.

Huwa fatt mhux kontestat illi Scicluna kien il-kuntrattur ta' dan is-sit ta' kostruzzjoni. Illi però huwa ghazel illi jaghmel *sub-contracting* lil persuna ohra. Dan il-fatt johrog numru ta' nuqqasijiet tar-regoli fuq il-post tax-xoghol – fl-ewwel lok ma avzax lill-perit tal-progett Joe Grech li hemm tali arrangament u ma avzax lill-persuni li ghamlulu r-*risk assessment* b'dan illi l-ebda riskju ma setghet tigi trasferita lil Bardhi. Dan il-fatt irrizulta fin-nuqqas li l-perit seta' jiddentifika min qed jahdem effettivament fuq il-post u jekk dan il-persuna hux kompetenti li jeffettwa dan ix-xoghol. Fit-tieni lok l-imputat Scicluna kien jaf li Bardhi kien jahdem ma' kumpanija ohra ta' kostruzzjoni bhala *full time*[14] mela kif seta' jaghtih il-mansjoni ta' *sub-contracting* meta jaf jew seta' jaf ben tajjeb li tali persuna ghandha *commitments* ohra u li ma tistax taghti l-hin taghha fuq l-andament tax-xoghol. Dan jorbot mal-fatt

[14] Sta Katerina Contruction Ltd.

illi li kieku saret id-debita notifika minn Scicluna l-periti nkarigati mill-progett ma kinux jaccettaw is-sub kuntrattarju Bardhi minhabba l-fatt li kien jahdem banda ohra.

Illi hareg ukoll mill-provi illi l-vittma kienet qed tahdem fuq il-post mentri ma kinitx ghadha ghandha permess mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex tahdem. Hareg ukoll illi tali applikazzjoni saret minn wahda mill-kumpaniji tal-imputat Scicluna u cioè SA Developments Ltd.[15] Illi n-nuqqas tal-imputat Scicluna f'dan is-sens bhala kuntrattur kien li jara li persuni li mhumiex licenzjati li jahdmu u li ma jistghux ikunu fuq sit ta' kostruzzjoni effettivament ma jahdmux fuq is-sit. Dan ried jaghmlu permezz ta' persuna nkarigata minnu li tkun fuq il-post kulljum li jidderigi x-xoghlijiet u jara li ma jsirux illegalitajiet.[16] Dan fil-fatt jidher li ma sarx. Illi dan l-agir negligenti tal-imputat Scicluna pprevjena wkoll li l-project supervisor hekk imqabbad li ma jkunx jista' jeffettwa xoghlu kif suppost u dan kif jistipula l-L.S. 424.36 regolamenti dwar Post tas-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) fir Regolament 4 li jghid hekk:

*"(4) Is-supervisor tal-progett ghandu ukoll:*

*(a) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u ghandu jfassal pjan tas-sahha u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;*

[15] Vide xhieda Ivan Curmi.
[16] Filfatt kien l-istess Scicluna li xehed quddiem il-Perit Torpiano li ma kellux foreman fuq il-post.

*(b) jipprepara file adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti;*

***(c) jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:***

***(i) meta aspetti tekniċi u, jew organizzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex wieħed jippjana l-oġġetti varji jew fażijiet tax-xogħol li ħemm sabiex isiru simultanjament jew f ' suċċessjoni;***

***(ii) meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħolijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol;***

***(d) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:***

***(i) japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament 9 f'manjiera konsistenti;***

*(ii) meta meħtieġa, isegwi l-pjan tas-saħħa u sigurtà msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5;*

***(e) jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà msemmi fis-subregolament (4) tar-***

***regolament 5 u l-file msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 li jiehu kont tal-progress tax-xoghol u kull bidliet li sehhew;***
***(f) jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi successivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet taghhom bil-ghan li jipprotegi lill-haddiema u jipprevjeni ncidenti u perikli ghas-sahha fuq ix-xoghol u l-informazzjoni reciproka kif previst fir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, li jizguraw li persuni mpjegati ghal rashom żhuma inklużi f'dan il-process fejn mehtieg;***
***(g) jikkoordina arrangamenti sabiex jikkontrolla lil-proceduri tal-hidma qed jigu implimentati b'mod korrett;***
***(h) jiehu l-passi mehtiega biex jizgura li persuni awtorizzati biss jithallew jidhlu fil-post tal-kostruzzjoni."*** [17]

Nuqqas iehor li sar minn Scicluna kien li bhala kuntrattur jara li kull makkinarju li qed jintuza mill-haddiema tieghu fuq is-sit kien adegwat u b'certifikazzjoni. Illi rrizulta illi din il-bajla ma kinitx fi stat tajjeb (not in good working condition) u ghalhekk din it-tragedja setghet tigi evitata li kienu sar l-iskrutinju necessarju.[18]

[17] Emfazi mizjud mill-Qorti.
[18] Vide konkluzjonijiet tal-espert John Schembri f'pagna 14 tar-rapport tieghu.

Punt iehor rikorrenti fid-dokumentazzjoni esebita fosthom fir-*Risk Assessment Report* kif ukoll fid-dokumentazzjoni esebita lil OHSA[19] tissemma' kumpanija OSA Services Company Ltd minghajr numru ta' registrazzjoni, li rapprezentant taghha huwa Anton Scicluna li però mix-xhieda prodotti mill-MFSA ma tiffigurax din il-kumpanija u allura l-Qorti tistaqsi jekk f'dawn id-dokumenti hemmx xi dikjarazzjoni falza li sfortunatament ma gietx esplorata mill-prosekuzzjoni.

## Ikkunsidrat

Illi l-Qorti qed taghmilha cara illi s-sejbien ta' htija da parti tal-imputat Anthony Scicluna huma kollha relatati mal-incident *de quo* u kwindi nuqqasijiet ohra li setghu kienu prezenti fuq is-sit u li forsi ssemmew minn xi esperti ma ttiehdux inkonsiderazzjoni ai finijiet ta' din is-sentenza.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-imputat Anthony Scicluna ser jigi misjub hati tal-akkuzi mit-tnejn (2) sat-tmienja (8).

**Illi din il-Qorti tikkonkludi billi tishaq kemm hu importanti li r-regoli tas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-post tax-xoghol kif ukoll regoli dwar kostruzzjoni jittiehdu b'serjetà liema bhala mill-protagonisti kollha kif ukoll illi l-Awtoritajiet kompetenti ghandhom jizguraw illi jistitwixxu proceduri tassattivi u awtomatici sabiex jimminimizzaw kull tip ta' nuqqasijiet.**

[19] Dokumenti annessi mar-rapport tal-espert John Schembri INK - 03 u INK – 04.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 6(1)(2)(3) tal-Att 27/2000 Kapitolu 424, Artikolu 4(1)(2)(3), 5 u 12(1)(2)(3) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18), Artikolu 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) A.L. 88/2018 u Artikolu 43 u 52 tal-Kapitolu 594 tal-Ligijiet ta' Malta:

- Issib lill-imputat **Anthony Scicluna** hati tat-tieni (2) sat-tmien (8) akkuzi u tikkundannah multa ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), filwaqt li ma ssibux hati tal-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi. Il-Qorti ma haditx provvedimenti naxxenti mill-Artikolu 52 tal-Kapitolu 594 stante illi ma ngabitx prova ta' x'licenzji jista' jkollu l-imputat;

- Ma ssibx lill-imputat **Emiljan Bardhi** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltre' d-dubju dettat mil-ligi u kwindi tilliberah minn kull osservanza.

_________________________________________
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**